# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 208/09/1 GM**

**Falzon Service Station Limited (C 1731) u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2011 assumiet l-atti s-soċjeta` Falzon Group Holdings Limited**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Is-soċjeta` attriċi intavolat din il-kawża *ai termini* tal-<u>Artikolu 466(2)</u> tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex topponi għall-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar 2009 (notifikata lilha fit-12 ta' Frar 2009) li permezz tagħha l-Kontrollur tad-Dwana nterpellaha tħallas is-somma ta' <u>€108,554.69</u>

allegatament dovuti bħala ħlas ta' servizz ta' attendenza ta' uffiċjali tad-Dwana mogħti bejn l-1 ta' Settembru 2006 u l-24 ta' Settembru 2008. Hija talbet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ssib li tali talba hija nfondata.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2019 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tas-soċjeta` attriċi għaliex irriżultalha li mhux minnu li t-talba għall-ħlas mhix permessa jew saret bil-ksur ta' xi liġi komunitarja jew Maltija. Hija pero` kkonkludiet li ma kinitx dovuta s-somma kollha pretiża mill-Kontrollur tad-Dwana għaliex irriżultalha li ma ġiex pruvat li l-attendenzi kollha li għalihom kien qed jintalab il-ħlas effettivament saru; għalhekk irriduċiet is-somma mitluba minn €108,554.69 għal €101,498.64 u ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu 90% mis-soċjeta` attriċi u 10% mill-konvenut id-Direttur Ġenerali (Dwana).

3. Minn tali sentenza ż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati: is-soċjeta` attriċi għaliex ġiet miċħuda t-talba tagħha, u d-Direttur tad-Dwana għaliex l-ammont pretiż ġie ridott. Għalhekk:

a. Is-soċjeta` attriċi fit-12 ta' Lulju 2019 interponiet appell prinċipali quddiem din il-Qorti fejn talbitha tħassar is-sentenza appellata u tiddikjara li d-Dwana m'għandha l-ebda dritt titlob il-ħlas pretiż minnha; u li f'każ li ssib li għandha tħallas xi ammont, dan għandu jiġi varjat minn €101,498.64 għal €6,857.25. Bl-

ispejjeż.

b. <u>Id-Direttur Ġenerali tad-Dwana fil-5 ta' Awwissu 2019, mar-risposta tal-appell tiegħu interpona appell incidentali</u>, fejn wara li talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi, talabha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tiddikjara li l-ammont li għandu jitħallas lilu għandu jkun dak ta' €108,554.69, u mhux ta' €101,498.64, kif ridott mill-ewwel Qorti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

4. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli din il-Qorti qegħda tirriproduċi s-sentenza appellata.

> "Il-Qorti:
>
> Rat l-ittra uffiċjali datata 5 ta' Frar 2009 ippreżentata mill-Kontrollur tad-Dwana, skont id-disposizzjonijiet tal-Art. 466 tal-Kap 12, li permezz tagħha talab lil Falzon Service Station Limited tħallas €108.554.69 għal servizz t'attendenza t'uffiċċjali tad-Dwana bejn it-01.09.2006 u l-24.09.2008;
>
> Rat ir-rikors li l-istess soċjeta ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2009 għall-finijiet tal-Art. 466(2) tal-Kap 12, li permezz tiegħu eċċepiet li hi qatt ma talbet u/jew qatt ma ngħatat ebda servizz kif allegat u/jew fi kwalunkwe każ mhix tenuta tħallas il-pretensjoni tal-Kontrollur;
>
> Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li skont ir-Regolamenti tad-Dwana (A.L. 486 tal-1957 kif emendat – L.S. 37.05) il-ħlas hu dovut kemm jekk ġiet mitluba minn San Lucian Oil Company Limited biex ikun jista' jkompli bin-negozju tiegħu, kif ukoll jekk saret fuq ordni tal-Kontrollur biex iħares id-dħul tal-Gvern;
>
> Rat id-digriet tagħha fl-atti tar-rikors numru 207/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu ordnat li l-atti ta' dan ir-rikors (208/2009) u dak tar-rikors numru 209/2009 jinġieb quddiemha biex jinstema' flimkien ma' dik il-kawża (fol 11) u mar-rikors;

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**FATTI:**

Illi l-kumpannija rikorrenti, hija waħda mill-grupp ta' kumpanniji magħrufa bħala Fazon Group, involute fix-xiri, ħażna, u bejgħ ta' prodotti petroliferi, flimkien maż-żewġ kumpanniji l-oħra fuq imsemmija li ppreżentaw il-kawżi l-oħrajn li qegħdin jimxi kontestwalment ma' din il-kawża;

Illi normalment il-prodotti jaslu f'Malta permezz ta' tanker ta' terzi, jinħattu fit-terminals tal-Grupp f'Birżebbugia jew fil-Marsa. Il-Grupp jixtri wkoll prodotti mingħand terzi li jkunu diġa` jistabu f'Malta u f'dan il-każ il-prodotti jitgħabbew fuq barges tal-Grupp u jinħattu fit-terminals tal-Grupp jew jinbiegħu lil terzi bħala bunkers. Ġeneralment, il-prodotti impurtati jerġghu jiġu esportati u jkunu fi stat ta' sospensjoni ta' dazju (in bond). Il-movimenti kollha ta' dawn il-prodotti huma suġġetti għall-kontroll tad-Dwana ta' Malta. Is-soċjeta` rikorrenti għandha l-obbligu impost fuqha bl-Att dwar id-Dazju u s-Sisa kif ukoll bit-termini u kundizzjonijiet imposti fuqha bħala authorized tax warehouse keeper li tinforma lid-Dwana b'kull movement filwaqt li dawn tal-aħħar jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jibgħatu uffiċjali biex jagħmlu s-sorveljanza meħtieġa;

Illi permezz ta' din il-proċedura, ir-rikorrenti qiegħdha ssostni li mhix obbligata tagħmel tali ħlas skont il-liġi komunitarja u/jew Maltija u li ma ngħatat u ma talbet l-ebda servizz mingħand l-intimat;

**LIĠI KOMUNITARJA**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta rikorrenti tgħid li t-talba tal-intimat mhix sostnuta mil-liġi Maltija kif ukoll li l-liġi Maltija tmur kontra d-Dritt Komunitarju u allura ma tiswiex. Dan għax skontha tikser l-Art. 30 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja (TFEU) li jistipula li "Id-dazji tad-dwana fuq importazzjoni u esportazzjoni u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn l-Istati Membri. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali". Dan l-artiklu iżda jirreferi għal dazji jew piżijiet bejn pajjiż membru u ieħor u mhux imposti doganali jew tariffi esterni mposti fuq prodotti importati minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropeja. Tariffi li l-parti l-kbira tagħhom ma jeħodhomx il-pajjiż imnejn jiġu mpurtati fl-Unjoni Ewropeja imma jmorru għand il-Komunita' li permezz tagħhom għandha introjtu sostanzjali. Billi din m'għandhiex servizz doganali tagħha din tinqeda bis-servizzi doganali

tal-istati membri;

Illi għalhekk il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ċċitata mill-attriċi u li tinterpreta u tapplika l-Artiklu 30 mhix applikabbli għall-każ preżenti, għax titratta każijiet ta' impost bejn Stat Membru u ieħor. Ġurisprudenza li tinstab irraportata fl-istess ordni li ċċitathom l-attriċi fil-ktieb E.U. Text, Cases, and Materials (3rd ed) ta' Paul Craig u Grainne de Burca (2003) (paġna 584 et seq), għalkemm ma tagħmel l-ebda riferenza għal dan is-sors. Skop ewlieni tal-Art. 30 – u tal-Unjoni Ewropeja nnifisha - hu li ma jkun hemm l-ebda xkiel għall-moviment ta' oġġetti bejn Stat Membru u ieħor u għalhekk il-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja kellha twitti kull forma ta' piż li seta' jiġi impost taħt forma jew oħra biex tissostitwixxi d-dwana bejn Stat Membru u ieħor li tneħħiet, inkella li jgħabbi oġġett b'piżijiet itqal minn dak li jkollu fi Stat Membru ieħor. Dan biex jassigura spazju wieħed u uniformi għas-suq Ewropew. It-tariffi esterni imposti bejn l-Unjoni Ewropeja u pajjiżi terzi huma l-faċċata l-oħra tal-munita fejn l-Unjoni toqgħod attentat li dawn jitħarsu sabiex ma jiġix imminat minn taħt l-ispazju komuni intern tas-suq ħieles. Għalhekk is-servizzi tal-uffiċjali tad-Dwana Maltija mhux talli m'humiex ta' xkiel għas-suq ħieles imma huma ta' għajnuna. M'hemmx dubbju għalhekk li l-liġi li timponi l-ħlas tagħhom mhux bi ksur tal-Art. 30 preċitat;

**LIĠI MALTIJA**

Illi kif diga` aċċennat iktar 'il fuq, l-attriċi tissottometti wkoll li l-liġi Maltija lanqas ma tippermetti lid-Dwana titlobha l-ħlas tal-attendenza. Is-sustanza tal-kweżit imressaq mis-soċjeta` rikorrenti relatat mal-liġi Maltija hija din: Id-Direttur Ġenerali tad-Dwana ma jistax jitlob ħlas kull meta jagħmel spezzjoni tal-oġġett impurtat għajr meta l-liġi tawtorizzah jagħmel dan. Il-liġi telenka b'mod ċar dawn l-istanzi. In partikolari, Regolament 43 tal-L.S. 37.05 jawtorizza dan il-ħlas meta persuna titlob li tingħata servizz minn uffiċjal tad-Dwana barra mill-post tad-Dipartiment tad-Dwana inkella barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali ta' dan id-Dipartiment. Ir-rikorrenti qatt ma talbet li tingħata servizz. Hija sempliċiment għarrfet lill-intimat kull meta impurtat jew għamlet xi trasferiment jew operazzjoni li jaqgħu taħt il-liġi doganali. Hija ġiet imġiegħla timla kull darba l-Form 12 li permezz tagħha titlob permess għall-attendenza tal-uffiċċjali tad-Dwana u tintrabat li tħallas l-ispejjeż involuti anke jekk ma kinitx obbligata tagħmel dan, u fil-fatt kienet tibgħathom bla preġudizzju. L-uffiċjali tal-intimat, meta jmorru wara tagħrif bħal dan, ikunu qed jagħmlu servizz lill-Istat u mhux lir-rikorrenti;

Illi biex wieħed jasal għal soluzzjoni ta' dan il-kweżit, wieħed irid iħares lejn l-iskop wara l-liġi u r-Regolamenti in kwistjoni. Meta oġġett jgħaddi minn post fejn ikun hemm alloġjat id-Dipartiment tad-Dwana, waqt il-ħinijiet tax-xogħol normali ta' dan id-Dipartiment, ma jkun hemm l-ebda ħlas għall-ispejjeż amministrattivi biex dan id-Dipartiment

jagħmel xogħlu. Dan iżda mhux il-każ jekk oġġett jiġi mpurtat wara l-ħinijiet normali tax-xogħol, inkella f'post ieħor barra l-*premises* tad-Dipartiment tad-Dwana. Huwa minnu li biex jiskatta l-obbligu tal-ħlas ta' spejjeż amministrattivi, il-liġi titkellem fuq "servizz" li jiġi "mitlub" minn persuna. Fl-ewwel lok huwa minn lewn id-dinja li persuna li timporta xi oġġett u ma tgħaddihx minn xi uffiċċju doganali hija obbligata li tinforma lill-uffiċċjali tad-Dwana, għaliex dawn ma jistgħux ikunu preżenti kullimkien u l-ħin kollu. Fit-tieni lok is-"servizz" li jintalab ma jistax ikun ieħor għajr dak li l-uffiċjali tad-Dwana huma awtorizzati – anzi obbligati – mil-liġi li jagħmlu u ċjoe` li ma jkun hemm l-ebda evażjoni tad-dazju b'dannu għall-Unjoni Ewropeja u għall-kummerċjanti onesti li jħallsu d-dazju dovut minnhom. Fi kliem ieħor, is-servizz li għandu f'moħħu l-leġislatur hu dak li jagħmel is-sorveljanza meħtieġa, jaċċerta t-tip u l-kwantita` ta' prodott li jkun qiegħed jiġi mpurat jew xort'oħra milqut mil-liġi u jiproċessa l-karti doganali. Mhux konċepibbli, għax żgur li jmur lil hinn mill-iskop tal-liġijiet doganali, li l-leġislatur qiegħed jikkontempla xi tip ta' "servizz" ieħor, bħal per eżempju s-servizz ta' gwardjan. L-iskop tal-leġislatur jidher ukoll mill-kliem tal-Artiklu 8(1) tal-Kap 381 li jistupula li "Ir-rilaxx ta' żejt għall-*bunkerin*g għandu jingħata taħt is-superviżjoni tad-Dwana. L-Awtorità jkollha jedd tissorvelja kull operazzjoni ta' *bunkering* **u tista' titlob ħlasijiet <u>għal kull superviżjoni bħal dik</u> hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti".** Għalhekk f'dan is-sens kull meta s-soċjeta` rikorrenti avżat lill-intimat bl-importazzjoni ta' fuel jew movimenti oħra milqutin mil-liġi doganali, hija kienet effettivament tkun qiegħdha titolbu jibgħat l-uffiċjali tiegħu biex jirrendulha "servizz". Għall-istess raġuni, mhux il-każ, kif issostni s-soċjeta` rikorrenti, li ġiet imġiegħla kontra l-liġi li tiffirma l-imsemmija Form 12. Illi għalhekk il-ħlas li jsir għall-addetti tad-dipartiment doganali huwa skont il-liġi;

**KONTIJIET TA' XOGĦOL LI MA SARX**

Illi l-attriċi kkontestat il-kontijiet tal-intimat billi b'mod assidwu, ordnat u ddettaljat ippreżentat mijiet ta' dokumenti mir-records tagħha li juru d-dati u l-ħinijiet meta għamlet l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha, konsistenti prinċipalment f'waste oil removal taż-żejt, u kkomparathom mad-dati u l-ħinijiet mogħtija fil-kontijiet tal-intimat. Records li bl-ebda mod ma ġew infiċjati mill-intimat. Minn dawn jirriżulta li mhux l-attendenzi kollha li l-intimat jallega li għamlu l-uffiċjali tiegħu fil-fatt saru;

Illi minn dawn ir-records (Dok YV 09 a fol 3500, spjegati mill-avukat tar-rikorrrenti Dr. Yvanka Vella a fol 345 et seq fl-atti tar-rikors numru 207/2009), jirriżulta li:

(i) għas-sena 2006: 6% mill-operazzjonijiet saru; 17% oħra saru wkoll għalkemm mhux b'mod preċiż; 68% minnhom ma nstabux ir-records relattivi mill-kumpannija, filwaqt li 8% ma jirriżultax li saru.

(ii) għas-sena 2007: 8% mill-operazzjonijiet saru; 15% oħra saru wkoll għalkemm mhux b'mod preċiż; 72% minnhom ma nstabux ir-records relattivi mill-kumpannija, filwaqt li 5% ma jirriżultax li saru.

(iii) għas-sena 2008: 9% mill-operazzjonijiet saru; 15% oħra saru wkoll għalkemm mhux b'mod preċiż; 71% minnhom ma nstabux ir-records relattivi mill-kumpannija, filwaqt li 5% ma jirriżultax li saru.

Illi biex taqta' linja, din il-Qorti sejra tqis li tul is-sentejn in kwistjoni, ir-rikorrenti ppruvat definittivament li ma sarux medja 6.5% tal-attendenzi. Konsegwentement tqis li huwa dovut 93.5% tal-ammont pretiż mill-intimat u ċjoe` €101.498.64;

**RIKAPITULAZZJONI**

Illi għalhekk filwaqt li ma jirriżultax li l-kontijiet maħruġin mill-intimat jiksru jew mhumiex awtorizzati li jsiru taħt il-liġi komunitarja jew il-liġi Maltija, l-attriċi ppruvat li parti minn dawn il-kontijiet ma kinitx dovuta billi ma jirriżultax li fil-fatt saret l-attendenza tal-uffiċjali doganali;

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi:

(1) tiċħad il-pretensjoni li t-talba għall-ħlas mill-intimat mhix permessa jew li saret bil-ksur ta' xi liġi, kemm komunitarja kif ukoll Maltija;

(2) tilqa' l-pretensjoni li parti mill-ammont mitlub ma kienx dovut minħabba li ma sarux l-attendenzi relattivi mill-uffiċjali doganali;

(3) konsegwentement tiddikjara li l-istess ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2009 fuq riferita ghandha tibqa` effettiva biss kontra l-kumpannija Waste Oils Company Limited (*RECTE*: Falzon Service Station Limited) a favur tad-Direttur Generali (Dwana) ghall-ammont ta` €101,498.64

Fiċ-ċirkostanzi, tordna li l-ispejjeż ta` din il-proċedura jkunu a karigu 90% għar-rikorrenti u 10% għall-intimat."

## <u>Rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi (12.07.2019):</u>

5. L-aggravji tas-soċjeta` attriċi, in suċċint, huma s-segwenti:

<u>L-ewwel aggravju</u>: *interpretazzjoni ħażina tal-liġi Maltija u tal-fatti*

Fl-ewwel lok is-soċjeta` attriċi tilmenta li l-ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha mhux fuq il-liġi iżda fuq dak li hija ħasset li kienet l-intenzjoni tal-leġislatur.

(i) <u>Regolament 43 tal-L.S.37.05:</u>

Tilmenta li l-ewwel Qorti ddeċidiet li d-Dwana għandha dritt li titlob il-ħlas tal-attendenza tal-uffiċjali doganali abbażi tar-Regolament 43 tal-L.S.37.05. Tenfasizza li dan ir-regolament ma jħalli l-ebda lok għal interpretazzjoni u li jipprovdi li għandu jsir il-ħlas lid-Dwana meta fuq talba għal "servizz" dak is-"servizz" jingħata (a) barra l-konfini tad-Dipartiment tad-Dwana u (b) wara l-ħinijiet normali tax-xogħol. Targumenta li għalkemm id-Dwana tirreferi għall-attendenza tagħha bħala "servizz" lill-operatur, l-attendenza bl-ebda mod ma hija "servizz"; tgħid li biex isiru l-operazzjonijiet jew il-movimenti, l-operatur m'għandux bżonn l-għajnuna tad-Dwana. Targumenta li kieku hekk kien il-każ, id-Dwana ma kienx ikollha d-diskrezzjoni tattendix jew le. Tikkummenta illi li kieku l-leġislatur ried jiżgura li l-fizzjali jitħallsu min-negozjanti għal kull xogħol jew attendenza li jagħmlu, inkluż is-sorveljanza biex jiżguraw li ma jinkisrux liġijiet doganali, kien jipprovdi li għal kull attendenza ta' fizzjal tad-Dwana barra l-ħinijiet

normali tax-xogħol jew barra d-dipartiment, il-ħlas dejjem għandu jsir min-negozjant. Tenfasizza pero` li dan m'għamlux.

(ii) L-Art. 8 tal-Kap 381

Tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti tat piż lill-Artikolu 8(1) tal-Kap 381 (fejn jingħad li r-rilaxx taż-żejt għall-*bunkering* għandu jingħata taħt is-superviżjoni tad-Dwana u li d-Dwana għandha jedd tissorvelja kull operazzjoni ta' *bunkering* u tista' titlob ħlasijiet għal kull superviżjoni bħal dik hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti). Hija pero` targumenta li tali dispożizzjoni m'għandha l-ebda applikazzjoni għal din il-kawża u li ma jistax wieħed jistrieħ fuqha biex jiddetermina l-intenzjoni tal-leġislatur fir-rigward tal-Artikolu 43 tal-L.S.37.05 promulgata taħt Kap differenti: il-Kap 37.

(iii) L-użu mhux korrett tal-*Form 12*

Tfakkar li *ai termini* tal-Art. 33 (li jirregola l-mod kif għandha tintuża l-Form 12) il-Form 12 għandha timtela meta operatur ikun irid jagħmel xogħol ta' tagħbija qabel jew wara l-ħinijiet legali u għaldaqstant ikollu bżonn l-attendenza tad-Dwana, u li minħabba l-fatt li l-attendenza trid tingħata wara l-ħinijiet legali l-ħlas irid isir mill-importatur. Targumenta li f'dawn il-

każijiet, meta d-Dwana tirċievi rikjesta bil-proċedura tal-Form 12 skont l-Art. 33. id-Dwana m'għandhiex diskrezzjoni tattendix jew le: trid tattendi u titlob il-ħlas tal-attendenza wara l-ħinijiet legali. Tenfasizza li l-liġi ma tagħtix lid-Dwana l-fakolta` li tuża l-proċedura tal-Form 12 kif fil-fatt qegħda tużaha fil-prattika. Tilmenta li d-Dwana kkreat proċedura ndipendenti u kompletament estranea għad-dispożizzjonijiet tal-liġi u li b'mod abbużiv qed titlob ħlas li m'għandhiex titlob.

<u>It-tieni aggravju:</u> *interpretazzjoni żbaljata tat-TFEU*

Fit-tieni lok issostni li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija żbaljata u li l-miżati huma bi ksur tal-Artikolu 30 tat-TFEU (*Treaty on the Functioning of the European Union*). Dan l-artikolu jipprovdi li d-dazji tad-Dwana fuq importazzjonijiet/esportazzjonijiet u fuq piżijiet b'effett ekwivalenti, għandhom ikunu projbiti bejn stati membri, liema projbizzjoni tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali. Targumenta li l-pożizzjoni ta' Falzon Group hija li l-ħlas tal-attendenza tal-fizzjali mertu ta' dawn il-proċeduri huwa piż li għandu effett ekwivalenti għal dazju. Issostni li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta qalet li f'dan il-każ m'hemm l-ebda kwistjoni ta' piż li jiġi impost bejn stat membru u ieħor u targumenta li din l-impożizzjoni ta' ħlas tista' fil-fatt tkun ta' xkiel għall-moviment tal-oġġett bejn pajjiż membru u ieħor.

It-tielet aggravju: *il-likwidazzjoni tal-ammonti dovuti u l-apprezzament ħażin tal-provi*

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, targumenta li l-uniku ammont li jista' jkun dovut huwa dak ta' €8,743.58. Tgħid li għandhom jitnaqqsu wkoll is-*subsistence allowance* u t-*travelling expenses* kif imniżżlin fid-dokumenti għaliex ma ġewx ikkalkolati skont il-liġi. Tgħid li jekk wieħed inaqqas tali spejjeż mill-ammonti għall-attendenza jiġi li d-Dwana tista' titlob biss il-ħlas ta' **€6,857.25**.

**Rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u appell inċidentali (12.07.2019):**

6. Id-Direttur Ġenerali tad-Dwana wieġeb biex jgħid li l-ewwel u t-tieni aggravji tas-soċjeta` attriċi huma nfondati. Kwantu għat-tielet aggravju dwar il-*quantum* tal-ħlas (fejn is-soċjeta` attriċi sostniet li f'każ li l-ewwel żewġ aggravji tagħha ma jintlaqgħux, fi kwalunkwe każ l-ammont li għandha tiġi ordnata tħallas għandu jiġi ridott) huwa spjega li qiegħed iressaq appell inċidentali.

7. L-aggravju relattiv għall-appell inċidentali tiegħu huwa fis-sens li *dato ma non concesso* li s-soċjeta` attriċi nnutat xi diskrepanzi dwar meta

attendew l-uffiċjali tad-Dwana u/jew fil-ħinijiet u/jew fl-ammont ta' pagamenti dovuti skont id-Dwana, tali kontestazzjoni, fi kwalunkwe każ imissha saret fil-perjodu relattiv u mhux issa. Jargumenta wkoll li jekk is-soċjeta` attriċi dehrilha li xi fizzjali mhux tassew attendew, kien jispetta lilha tressaq tali prova u mhux tillimita ruħha biss sa allegazzjonijiet infondati li jistgħu biss jagħmlu ħsara lill-imaġini u l-operat tad-Dwana. Għalhekk isostni li għandu jitħallas l-ammont kollu pretiż minnu.

**SFOND:**

8. Il-kumpaniji *Waste Oils Company Ltd* (soċjeta` attriċi fil-kawża 207/2009), *Falzon Service Station Ltd* (soċjeta` attriċi fil-kawża 208/2009) u *San Lucian Oil Company Ltd* (soċjeta` attriċi fil-kawża 209/2009)[1] huma kumpaniji ta' Falzon Group, li hija involuta fin-negozju taż-żejt. Joseph Falzon, direttur tal-imsemmija kumpaniji, spjega li l-prodotti petroliferi jinxtraw u jiġu maħżuna Malta fi stat ta' *duty suspension* sakemm jew jinbiegħu fuq is-suq Malti jew jerġgħu jiġu esportati. Spjega li waqt li jkunu qegħdin jagħmlu l-attivita` tagħhom għandhom id-dmir u l-obbligu li jinfurmaw id-Dwana b'kull moviment li jkun qed isir kif ukoll li jżommu sistema sħiħa ta' rapport li jingħata lid-Dwana perjodikament, u dan skont il-Kap 382 Att dwar Dazju tas-SISA. (Ovvjament iqum il-bżonn li d-Dwana tiġi nfurmata minħabba li l-attivita` ma tkunx qed issir f'xi uffiċċju

[1] L-imsemmija kawżi 207/2009, 208/2009 u 209/2009 qegħdin jinstemgħu flimkien

doganali).

9. Meta s-soċjetajiet imsemmija jinformaw lid-Dwana bil-movimenti li jkunu ser jagħmlu (liema movimenti ma jkunux qed iseħħu fid-dipartiment tad-Dwana) hija fid-diskrezzjoni tagħha tibgħat ir-rappreżentanti tagħha fuq il-post sabiex jissorveljaw l-operat. Ġieli anke ordnat *spot checks* biex *tramite* l-fizzjali tagħha taċċerta ruħha li l-kumpaniji ta' Falzon Group qegħdin jimxu skont il-liġi.

10. Il-vertenza in kwistjoni bażikament tirrigwarda l-fatt li d-Dwana tippretendi ħlas għall-attendenza tal-fizzjali. Id-Dwana ssostni li għandha dritt titlob il-ħlas għal kull attendenza li ssir mill-fizzjali tagħha kull darba li jsir xi moviment tal-prodotti petroliferi ta' Falzon Group kif ukoll kull darba li jidhrilha li għandha tagħmel ċertu spezzjonijiet. Hija ssostni dan abbażi tal-Liġi Sussidjarja 37.05. Issostni li meta tkun qed tibgħat il-fizzjali biex jagħmlu l-moniteraġġ tal-movimenti, jew l-ispezzjonijiet, dan tagħmlu b'konsegwenza tal-fatt li tkun irċeviet rikjesta mingħand is-soċjeta` rispettiva.

11. Is-soċjetajiet ta' Falzon Group invece ma jaqblux. Isostnu li l-ebda ħlas ma hu dovut għall-attendenza għaliex huma ma "talbu" l-ebda "servizz" mingħand id-Dwana. In oltre jargumentaw li jekk id-Dwana tat xi servizz dan ibbenefika lill-istat u mhux lilhom.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET:</u>

<u>**L-ewwel aggravju**</u>: *il-liġi Maltija*

12. L-ewwel Qorti għamlet referenza għar-Regolamenti tal-L.S.37.05, u spjegat li fihom hemm elenkat b'mod ċar l-istanzi fejn id-Dwana tista' titlob il-ħlas. Aċċennat partikolarment għar-<u>Regolament 43</u> li jipprovdi hekk: (enfasi ta' din il-Qorti)

> *"43.(1) <u>Meta xi servizz jingħata minn uffiċjal tad-Dwana barra mill-konfini tad-Dipartiment tad-Dwana</u> jew barra l-ħinijiet normali tax-xogħol ta' dak id-dipartiment, <u>għandu jitħallas, malli jintalab, lill-Kontrullur, mill-persuna li fuq it-talba tagħha dak is-servizz jingħata</u>, dritt li jkun daqs is-sahra kalkolata bir-rati li l-Gvern minn żmien għal żmien iħallas lil dawk l-uffiċjali għal attendenzi bħal dawk bis-sahra, flimkien ma' dritt amministrattiv ta' għaxra fil-mija kalkolat fuq id-dritt kollu u l-ispejjeż, jekk ikun hemm…"*

13. B'referenza għall-argument tas-soċjetajiet ta' Falzon Group fis-sens li huma qatt ma "talbu" li jingħataw "servizz", iżda li huma sempliċiment infurmaw lid-Dwana kull meta impurtaw jew għamlu xi operazzjoni li taqa' taħt il-liġi doganali, u li ġew imġiegħla jimlew il-*Form 12* li permezz tagħha jiġi li wieħed qed jitlob permess għall-attendenza tal-uffiċjali tad-dwana u jintrabat li jħallas l-ispejjeż involuti, l-ewwel Qorti rriteniet is-segwenti:

- Huwa naturali li persuna li tkun ser timporta oġġett mhux minn xi

uffiċċju doganali għandha tinforma lid-Dwana;

- Is-servizz li jagħtu l-fizzjali tad-Dwana ma jistax ikun ieħor għajr dak li huma obbligati jagħmlu, ċioe` li jassiguraw li jkunu qegħdin jiġu mħarsa l-liġijiet doganali.

- Is-"servizz" li għandu f'moħħu l-leġislatur (fir**-Regolament 43 tal-L.S.37.05)** huwa dak li jagħmel is-sorveljanza meħtieġa, jaċċerta t-tip u l-kwantita` ta' prodott li jkun qed jiġi importat jew xort' oħra milqut mil-liġi doganali u jipproċessa l-karti. Mhux konċepibbli servizz ieħor.

- Tali skop tal-leġislatur joħroġ "ukoll" mill-kliem tal-**Artikolu 8(1) tal-Kap 381** fejn hemm stipulat li r-rilaxx taż-żejt għall-*bunkering* għandu jsir taħt is-superviżjoni tad-Dwana, li tista' titlob ħlasijiet għal kull superviżjoni bħal dik "*hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti".*

- Kull meta s-soċjetajiet ta' Falzon Group infurmaw lid-Dwana bil-movimenti milqutin bil-liġi doganali hija "effettivament kienet qed "titlob" is-"servizz" tal-attendenza tal-uffiċċjali.

- Għalhekk ma jistax jitqies li ġiet imġiegħla tiffirma l-***Form 12.***

14. L-ewwel aggravju tas-soċjeta` attriċi jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti interpretat ir-**Regolament 43**. Tilmenta li l-ewwel Qorti marret lil hinn minn qari litterali tar-Regolament u wessgħet l-interpretazzjoni ta' "servizz" u ta' "talba". Tenfasizza li l-fatt li tkun infurmat lid-Dwana bil-moviment li tkun ser tagħmel ma jammontax għal talba għall-attendenza tal-fizzjali, u li s-sorveljanza li jagħmlu l-fizzjali ma hu l-ebda "servizz" fil-konfront tagħha. Iżżid tgħid li r-referenza għall-**Art. 8(1) tal-Kap 381** ma tistax tintuża bħala fondament għall-interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-leġislatur tar-Regolament 43, u kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti ssostni li d-Dwana mhux qed tagħmel użu korrett tal-***Form 12*.**

15. Is-soċjeta` attriċi appellanti tilmenta li ladarba l-kliem tar-Regolament 43 huma ċari ħafna, tali regolament ma kellux jiġi nterpretat bil-mod wiesgħa li għamlet l-ewwel Qorti. Targumenta wkoll li l-liġi tippermetti lid-Dwana titlob il-ħlas tal-attendenza tal-fizzjali tagħha f'ċertu każijiet biss. Hija f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għal diversi regolamenti oħra elenkati fil-L.S.37.05. Din il-Qorti ser taċċenna għal uħud minnhom:

> "Reg. 3(2):
>
> *Iżda, meta l-ġarr ta' merkanzija jsir nhar ta' Sibt, il-Ħadd jew f'ġurnata ta' vakanza pubblika, jew ġranet tax-xogħol barra mis-Sibt, bejn is-6.00p.m. u s-6.00a.m. mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu inkluživament, il-braken, f'dan il-każ, għandhom dejjem jiġu skortati minn uffiċjal tad-Dwana u l-ispiża ta' din l-iskorta għandha titħallas mill-aġent tal-bastiment jew mill-persuna li fuq it-talba tagħha l-uffiċjal*

*jiġi nkarigat.*

<u>Reg. 5(2):</u>

*Meta l-Kontrullur tad-Dwana jagħti permess li merkanzija għat-trasbord tista', mingħajr ma tkun eżaminata, tinħareġ minn taħt il-verandi jew mill-imħażen tad-depożitu u titgħabba fuq barkun, huwa jista' jinnomina uffiċjal biex joqgħod għassa ma' dak il-barkun għall-finijiet tad-dazju, u l-ispiża ta' dik il-għassa għandha titħallas mill-persuna li lilha jkun ġie mogħti dak il-permess.*

<u>Reg. 5(4):</u>

*Meta jinżammu bhejjem bejn il-ħinijiet tal-4.30p.m. u s-7.30a.m. f'wesgħa tad-Dwana għall-iskop tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Użin tal-Bhejjem importati għas-Simna, il-Kontrullur tad-Dwana jista' jinnomina uffiċjal jew uffiċjali biex jgħassu dawk il-bhejjem għall-finijiet ta' dazju, u l-ispiża għal din il-għassa għandha titħallas mill-importatur tal-bhejjem jew mill-persuna li tkun qiegħda timportahom.*

<u>Reg. 33:</u>

*In-negozjanti jew persuni oħra li jkunu jridu jagħmlu x-xogħol tat-tagħbija qabel jew wara l-ħinijiet legali kif imfissrin fl-artikoli 9 u 10 tal-Ordinanza tad-Dwana, jew nhar ta' Sibt, il-Ħadd jew f'ġurnata li tkun vakanza pubblika, għandhom jagħmlu talba bil-miktub fuq il-formula stabbilita tad-Dwana (Nru. 12), lill-Kontrullur tad-Dwana, u għandhom iniżżlu fiha l-isem tal-bastiment, ix-xorta ta' servizz meħtieġ, kif ukoll il-ħin li fih dan is-servizz għandu jibda. Kull talba għandu jkollha magħha l-obbligazzjoni tal-ħlas tal-ispejjeż li jsiru.*

<u>Reg. 41:</u>

*41.(1) Meta, wara li ssir talba, uffiċjal tad-Dwana jkun imqabbad fuq l-għassa tal-merkanzija għal għanijiet ta' erarju kif provdut fir-regolament 5(1), (2) jew (4) jew meta dak is-servizz ikollu jħallas għalih xi ħadd ieħor barra l-Gvern kif provdut taħt is-sub-regolament (3) tal-istess regolament, għandu jitħallas lill-Kontrullur dritt skond ir-rati speċifikati fir-regolament 43.*

*(2) L-istess dritt għandu jitħallas lill-Kontrullur għal kull servizz ieħor mhux speċifikat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u li jsir minn xi uffiċjal tad-Dwana fuq it-talba tan-negozjanti jew oħrajn.*

*(3) Kull meta l-Kontrullur jordna li uffiċjal tad-Dwana għandu jiġi mqabbad li jissorvelja bastiment, sew minn abbord sew minn fuq xi moll, filwaqt li dak il-bastiment ikun irmiġġat f'xi port, sabiex jitħares sew id-dħul tal-erarju, il-kaptan tal-bastiment jew l-aġent tiegħu għandu jħallas lill-Kontrullur dak id-dritt skond ir-rati speċifikati fir-*

*regolament 43."*

16. Is-soċjeta` attriċi taċċenna għall-principju *ubi lex voluit dixit* u targumenta li meta d-Dwana timponi l-obbligu tal-ħlas għall-attendenza f'każijiet li ma jaqawx fil-parametri tar-Regolamenti hija tkun qed taġixxi *ultra vires*.

17. Din il-Qorti pero` tosserva li r-Regolament 41(2) jikkontempla "servizzi" li ma jkunux imsemmija speċifikatament taħt ir-Regolamenti u tgħid li fir-rigward tagħhom il-ħlas għandu jsir skont kif provdut fir-Regolament 43. Għalhekk kwalsiasi xogħol li sar mill-fizzjali tad-Dwana meta kienu qed jattendu għall-operazzjonijiet tas-soċjeta` attriċi jinkwadraw bħala "servizz" taħt il-L.S.37.05.

18. Kwantu għall-argument tas-soċjeta` attriċi li hija qatt ma "talbet" li tingħata s-servizz, dan assolutament ma jreġix. <u>Bil-fatt li hija tinforma lid-Dwana b'kull moviment tal-prodotti petroliferi li jkunu ser isiru (kif fil-fatt hija obbligata li tagħmel) hija neċessarjament tkun qegħda titlob lid-Dwana tibgħat lill-fizzjali tagħha sabiex jissorveljaw ix-xogħol</u>. Hija ħaġa loġika li r-raġuni għaliex hija obbligata li tgħarraf lid-Dwana huwa proprju sabiex id-Dwana tkun f'pożizzjoni li tibgħat lill-fizzjali tagħha sabiex jissorveljaw il-movimenti. Jekk id-Dwana mhux dejjem tibgħat il-fizzjali tagħha dak huwa nuqqas tad-Dwana, u ċertament mhux il-każ li

tippretendi ħlas fir-rigward. Iżda dan xejn ma jnaqqas mill-fatt li s-soċjeta` attriċi tkun "talbet" l-attendenza tad-Dwana.

19. Is-soċjeta` attriċi appellanti targumenta wkoll li l-ewwel Qorti ma setgħetx tuża l-Art. 8(1) tal-Kap 381[2] (Att dwar Taxxa fuq *bunkering* ta' Żjut) bħala bażi ta' interpretazzjoni tagħha tar-Regolament 43, ossija li d-Dwana tista' titlob ħlasijiet għas-sorveljanza li tagħmel fir-rigward tal-movimenti tal-prodotti petroliferi barra mill-konfini tad-dipartiment tad-Dwana. Targumenta li bl-ebda mod ma jista' r-Regolament 43 tal-L.S.37.05 jiġi estiż biex ikopri wkoll il-ħlas li rriserva dritt għalih il-leġislatur taħt l-Artikolu 8(1) tal-Kap 381. Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma tarax li għandha raġun. Fl-ewwel lok kif tajjeb ikkummenta d-Direttur Ġenerali (Dwana) fir-risposta tal-appell tiegħu, il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma kinux ibbażati unikament fuq analoġija mal-Artikolu 8(1) tal-Kap 381, iżda għamlet referenza għal dan l-artikolu "wkoll" sabiex tintwera ulterjorment l-intenzjoni tal-leġislatur. Fit-tieni lok dan is-subinċiż jgħid li d-Dwana tista' titlob il-ħlas għal kull superviżjoni ta' *bunkering* (li hija waħda mill-operazzjonijiet li jkollha s-soċjeta` attriċi) "*hekk kif jista' jiġi preskritt b'Regolamenti".* Ir-Regolament 43 tal-L.S.37.05 allura ċertament li jinkwadra taħt dan is-sub-inċiż.

---

[2] *"Ir-rilaxx ta' żejt għall-bunkering għandu jingħata taħt is-superviżjoni tad-Dwana. L-Awtorità jkollha jedd tissorvelja kull operazzjoni ta' bunkering u tista' titlob ħlasijiet għal kull superviżjoni bħal dik hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti."*

20. Kwantu għall-kwistjoni dwar il-*Form 12,* fejn is-soċjeta` attriċi tgħid li qegħda tintuża ħażin, din il-Qorti wkoll ma tarax li l-argument tagħha jreġi. Ħarsa lejn il-*Form 12* kif tinsab fir-Raba' Skeda (Formoli) tal-L.S.37.05 turi li din għandha timtela min-negozjant meta tkun neċessarja l-attendenza tal-fizzjali tad-Dwana. Fuq il-formola stess hemm elenkati diversi servizzi (ara *footnote*)[3]. Dawk elenkati minn (a) sa (h) huma servizzi speċifiċi filwaqt li (g) jaqra hekk: "*kif rikjest b'Regolamenti tad-Dwana*".

21. Minn dan kollu jirriżulta li s-servizzi reżi mill-aġenti tad-Dwana waqt l-attendenza tagħhom fir-rigward tal-movimenti tal-prodotti petroliferi tas-soċjeta` attriċi huma koperti mil-L.S.37.05; in oltre ladarba (għar-raġunijiet fuq mogħtija) bil-fatt li s-soċjeta` attriċi tkun infurmat lid-Dwana bl-operazzjonijiet tagħha dan għandu jitqies bħala ekwivalenti għal "talba" għall-attendenza tal-fizzjali tagħha, isegwi li kull meta ġiet mitluba tiffirma l-*Form 12*, dan ma kienx kontra l-liġi.

---

[3] **<u>Form 12:</u>**
**"Talba għall-preżenza ta' uffiċjali tad-Dwana**
…
Nitlob permess għall-preżenza tal-uffiċjali tad-Dwana biex:
a) Jirrilaxxaw il-merkanzija;
b) Jiskurtaw il-merkanzija;
c) Jagħmlu għassa ma' merkanzija;
d) Żbark ta' merkanzija;
e) Jiċċekkjaw merkanzija għall-esportazzjoni;
f) Għadd ta' merkanzija
g) Kif rikjest b'regolamenti tad-Dwana.
…..
Nintrabat li nħallas l-ispejjeż kollha għall-preżenza tal-Uffiċjali tad-Dwana meħtieġa għal dan ix-xogħol u servizzi oħra."

22. Lanqas ma jreġi l-argument tas-soċjeta` attriċi li ladarba bl-attendenza tal-fizzjali tad-Dwana ma rrekat l-ebda benefiċċju allura tali attendenza m'għandhiex titqies bħala "servizz". L-attendenza tal-fizzjali tad-Dwana fir-rigward tal-movimenti tal-prodotti petroliferi tas-soċjeta` attriċi barra mill-konfini tad-Dipartiment tad-Dwana huwa "servizz" li s-soċjeta` attriċi trid tħallas tiegħu abbażi tal-L.S.37.05. Issir referenza f' dan ir-rigward għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2002 fil-kawża fl-ismijiet **S Mifsud & Sons Ltd vs Kontrollur tad-Dwana**, rigwardanti għassa ta' bastiment fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet hekk:

> *"Is-soċjetà appellata għandha tħallas għall-għassa mhux għax dak huwa servizz li sar lilha fl-interess tagħha, iżda għax il-liġi tgħid illi l-ħlas isir mill-persuna li f'isimha l-merkanzija tiġi żbarkata."*

**It-tieni aggravju**: *il-liġi komunitarja*

23. L-ewwel Qorti rriteniet li s-servizzi tal-uffiċjali tad-Dwana Maltija mhux talli m'humiex ta' xkiel għas-suq ħieles imma huma ta' għajnuna. Irriteniet li ma hemmx dubju li l-liġi li timponi l-ħlas tagħhom mhux bi ksur tal-Artikolu 30 tal-TFEU (*Treaty on the functioning of the European Union)* li jipprovdi li:

> *"Id-dazji tad-dwana fuq importazzjoni u esportazzjoni u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn l-Istati Membri. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali."*

24. Is-soċjeta` attriċi invece ssostni illi kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet hekk. Targumenta li l-istati membri mhumiex permessi

jaddottaw miżuri oħra li ma jiġux klassifikati teknikament bħala dazju doganali, iżda li fil-prattika għandhom l-istess effett. Targumenta li l-ħlas tal-attendenza tal-fizzjali mertu ta' dawn il-proċeduri huwz piż li għandu effett ekwivalenti għal dazju li jiġi applikat b'mod differenti sempliċiment minħabba l-fatt li l-prodotti petroliferi tagħhom ikunu qasmu l-fruntiera ta' Malta.

25. Din il-Qorti għal darb' oħra ma ssibx li l-ilment tas-soċjeta` attriċi huwa fondat. Kif spjegat l-ewwel Qorti l-Artikolu 30 jirreferi għal dazji jew piżijiet bejn stat membru u ieħor u mhux imposti doganali jew tariffi esterni imposti fuq prodotti importati minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea. Dawn tal-aħħar fil-parti l-kbira tagħhom imorru għand il-Komunita` peress li l-fruntiera tal-istat membru effettivament tkun il-fruntiera tal-Unjoni Ewropea u s-servizzi doganali affettwati mill-istat membru fil-fatt ikunu qed iservu lill-Komunita` li m'għandhiex is-servizzi doganali proprji tagħha. Għalhekk il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea rigwardanti każijiet ta' impost bejn stat membru u ieħor li tagħmel referenza għaliha s-soċjeta` attriċi, hija rrilevanti għall-każ in kwistjoni.

**<u>It-tielet aggravju u l-appell inċidentali</u>**: *il-quantum tal-ħlas dovut*

26. Kemm is-soċjeta` attriċi u kif ukoll id-Dwana ma jaqblux fuq il-*quantum* tal-ħlas dovut. Is-soċjeta` attriċi da parti tagħha ssostni li f'każ li

l-ewwel żewġ aggravji tagħha jirriżultaw infondati (kif fil-fatt hu l-każ) din il-Qorti għandha tirriduċi s-somma ulterjorment minn €101,498.64 għal €6,857.25.[4] Id-Dwana *invece* ssostni li għandu jitħallas l-ammont kollu pretiż, ċioe` €108,554.69.

27. Is-soċjeta` attriċi kkontestat il-kontijiet tad-Dwana. Hija qabblet il-kontijiet mar-*records* tagħha minn fejn irriżulta li mhux l-attendenzi kollha li d-Dwana tallega li saru fil-fatt saru.

28. L-Avukat tas-soċjeta` attriċi Dr Yvanka Vella spjegat li għas-snin 2006, 2007 u 2008 irriżultalha s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 2006 | 6% mill-operazzjonijiet saru<br>17% saru pero` mhux b'mod preċiż<br>68% ma nstabux *records* relattivi<br>**8% ma jirriżultax li saru** |
| 2007 | 8% mill-operazzjonijiet saru<br>15% saru pero` mhux b'mod preċiż<br>72% ma nstabux *records* relattivi<br>**5% ma jirriżultax li saru** |
| 2008 | 9% mill-operazzjonijiet saru<br>15% saru pero` mhux b'mod preċiż<br>71% ma nstabux *records* relattivi<br>**5% ma jirriżultax li saru** |

L-ewwel Qorti għalhekk, wara li qieset li s-soċjeta` attriċi qed issostni li ma sarux 8% mill-operazzjonijiet tas-sena 2006, 5% mill-operazzjonijiet tas-sena 2007, u 5% mill-operazzjonijiet tas-sena 2008, ħadet medja ta'

[4] €8,743.58 - €1,886.33 (*subsistence allowance* u *travelling expenses*) = €6,857.25

**6.5%** u qieset li ma sarux 6.5% tal-attendenzi.

29. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa iktar faċli li wieħed jipprova xi ħaġa pożittiva milli xi ħaġa negattiva ma jfissirx li r-*records* tas-soċjeta` attriċi m'għandhomx jitqiesu bħala prova suffiċjenti. Din il-Qorti tosserva li fejn kien hemm dubju dwar jekk l-attendenza saritx jew le, jew fejn ma saritx b'mod preċiż, l-ewwel Qorti qieset li saret (peress li f'tali każ il-kontestazzjoni da parti tas-soċjeta` attriċi dwar l-attendenza ma kinitx pruvata b'mod konklussiv). Għandu jingħad ukoll li mhux inverosimili li l-uffiċjali ma kinux preżenti għall-attendenzi kollha reklamati mid-Dwana, dan anke tenut kont tal-fatt li jirriżulta li għal xi żmien kienet qed tiġi utilizzata fotokopja tal-*Form 12* bil-firma ta' ċertu Charlot Marsten li ma kienx għadu mpjegat ma' Falzon Group, fatt li juri li l-mili tal-*Form 12* kienet qed issir pjuttost bl-addoċċ u mhux b'mod responsabbli (anke jekk, kif targumenta d-Dwana is-soċjetajiet ta' Falzon Group ma kinux attirawlha l-attenzjoni).

30. Is-soċjeta` attriċi targumenta li għandha tħallas biss għal dawk l-attendenzi li mir-*records* tagħha jirriżultaw li effettivament saru, cioe` €8,743.58. (Jidher li mill-operazzjonijiet li hija tikkonferma li saru - 6% fl-2006, 8% fl-2007 u 9% fl-2008 - ħadet medja ta' 8%). Din il-Qorti *invece* hija tal-fehma li kienet korretta l-ewwel Qorti meta naqqset biss mill-ammont pretiż dak il-persentaġġ ta' attendenzi li s-soċjeta` attriċi

rriżultalha li żgur ma sarux (ċioe` medja ta' 6.5%), u allura kkonkludiet li kellha titħallas 93.5% tas-somma pretiża.

31. Is-soċjeta` attriċi ssemmi wkoll it-*travelling expenses* u s-*subsistence allowance.* Tgħid li dawn ma ġewx ikkalkolati skont il-liġi u għalhekk għandhom jitnaqqsu. Jidher li f'dan ir-rigward tippretendi li għandu jitnaqqas l-ammont ta' €1,886.33[5].

32. Kwantu għat-*travelling expenses* tilmenta li d-Dwana dejjem tapplika l-istess rata u ma tagħtix il-lokalita` tal-attendenza li tkun saret u li għalhekk ma hemmx mezz biex tiġi kkalkulata d-distanza bejn id-Dwana u l-lokalita`, jekk hemmx karozza tal-linja għal tali lokalita` u jekk it-*travelling expenses* humiex ikkalkulati b'mod korrett. F'dan ir-rigward id-Dwana kkummentat li huwa ta' għajb li s-soċjeta` attriċi qed tikkontesta anke l-metodu tat-trasport għaliex wara kollox kien fl-aħjar interess tas-soċjeta` attriċi li l-uffiċjali jassistuha fl-iqsar żmien possibbli u bl-iktar mod spedit. Taċċenna wkoll għax-xiehda ta' Anthony Zammit fejn qal li fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet ma jkunx hemm aċċess għat-trasport pubbliku u apparti minn hekk il-fizzjali jagħżlu li jivvjaġġaw bil-karozzi minħabba raġuni ta' speditezza li finalment takkomoda lil min qed jitlob is-servizz.

---

[5] Dan għaliex wara li qalet li għandha tħallas biss €8,743.58 rappreżentanti l-attendenzi li effettivament saru, wara li naqqset l-ammont relattiv għat-*travelling expenses* u s-*subsistence allowance* qalet li għandha tħallas biss €6,857.25.

33. Ir-Regolament 43(4) jipprovdi kif għandhom jiġu kkalkulati l-ispejjeż tat-trasport meta dan ma jkunx ġie provdut mill-persuna li tkun talbet l-attendenza. Anthony Zammit mid-Dwana fir-risposti ġuramentati tiegħu spjega kif jiġu kkalkulati r-rati u anke ppreżenta lista ta' *"guidelines to travelling expenses at merchant's request"* li fiha hemm elenkati r-rati tat-trasport skont il-lokalitajiet. Għalkemm huwa minnu li fuq l-*invoices* ma jiġux indikati l-lokalitajiet u d-distanzi din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddubita mir-rati li nħadmu għall-finijiet ta' spejjeż tat-trasport. Hekk per eżempju anke mad-daqqa t'għajn jidher li fejn il-ħinijiet ma kinux dawk tax-xogħol normali ġew applikati rati li huma ogħla minn meta l-ħinijiet huma waqt il-ħin tax-xogħol. Inoltre taqbel mal-argument tad-Dwana li l-użu tal-karozza tal-linja mhux wisq prattiku meta fizzjali tad-Dwana jeħtiġilhom jattendu bi speditezza biex jissorveljaw il-movimenti petroliferi tas-soċjetatjiet ta' Falzon Group.

34. <u>Kwantu għas-*subsistence allowance*</u> tilmenta li din qegħda tiġi imposta b'mod arbitrarju fis-sens li qegħda tiġi mposta b'mod ġenerali (€1.98); u mhux fit-termini tar-Regolament 44. F'dan ir-rigward id-Dwana spjegat li s-sezzjoni kompetenti biex taħdem tali ħlas hija dik tal-*Accounts* tad-Dipartiment tad-Dwana li taħdem tali *allowance* għal kull uffiċjal skont il-kriterji tar-Regolament 43 u 44.

35. Ir-Regolament 44 jipprovdi dwar kif għandu jinħadem is-*subsistence allowance*. Jipprovdi li (a) meta uffiċjal tad-Dwana jattendi għal dmirijietu f'post li jkun iktar minn ħames kilometri bogħod mill-istazzjoni tiegħu, jew (b) dawk id-dmirijiet ikunu aktar minn ħames sigħat għandu jitħallas dritt ta' sussistenza bir-rati li l-Gvern minn żmien għal żmien iħallas lil dawk l-uffiċjali għal dawk l-attendenzi. Ħarsa lejn l-*invoices* turi li f'kull każ tiġi applikata rata ta' sussistenza ta' €1.98. Peress li r-Regolament 44 ma jikkwantifikax ir-rata, u peress li mhux indikati d-distanzi fuq l-*invoices* (għalkemm huma indikati l-ħinijiet) ma tistax din il-Qorti tevalwa jekk tali *subsistence allowances* marrux kontra l-liġi, kif tallega s-soċjeta` attriċi.

36. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-każ li tnaqqas tali ammont ta' €1,886.33.

**DECIDE**

37. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi u l-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali (Dwana) u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

38. L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mis-soċjeta` attriċi u dawk tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mid-Direttur

Ġenerali (Dwana).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr